DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1062

tas-16 ta' Lulju 2018

dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt CETA stabbilit mill-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kumitat Konġunt CETA u l-kumitati speċjaliżżati

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, flimkien mal-Artikolu 100(2), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), u l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/37 ([1]) tipprevedi għall-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"). Il-ftehim ġie ffirmat fit-30 ta' Ottubru 2016.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 ([2]) tipprevedi l-applikazzjoni proviżorja ta' partijiet tal-Ftehim, inkluż l-istabbiliment tal-Kumitat Konġunt CETA u kumitati speċjalizzati. Il-Ftehim ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-21 ta' Settembru 2017.

(3) Skont l-Artikolu 26.1.4(d) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt CETA jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess.

(4) Skont l-Artikolu 26.2.4 tal-Ftehim, il-kumitati speċjalizzati jistabbilixxu u jimmodifikaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom stess jekk iqisu li dan ikun xieraq.

(5) Il-Kumitat Konġunt CETA, matul l-ewwel laqgħa tiegħu, jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess, kif previst mill-Ftehim.

(6) Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor minn kull kumitat speċjalizzat skont l-Artikolu 26.2.4, ir-Regoli ta' Proċedura japplikaw mutatis mutandis għall-kumitati speċjalizzati.

(7) Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt CETA abbażi tal-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż tal-Kumitat Konġunt CETA dwar ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt CETA stabbilit mill-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt CETA u l-kumitati speċjalizzati, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/37 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1080).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BOGNER-STRAUSS

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru […/2018] TAL-KUMITAT KONĠUNT CETA

ta' …

li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu u tal-Kumitati Speċjalizzati

IL-KUMITAT KONĠUNT CETA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikoli 26.1.4(d) u 26.2.4 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 30.7.3 tal-Ftehim, partijiet tal-Ftehim ilhom japplikaw provviżorjament mill-21 ta' Settembru 2017;

(2) Skont l-Artikolu 26.1.4(d) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt CETA għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess;

(3) Skont l-Artikolu 26.2.4 tal-Ftehim, il-kumitati speċjalizzati għandhom jistabbilixxu u jimmodifikaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom stess jekk iqisu li dan ikun xieraq;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt CETA u tal-kumitati speċjalizzati tiegħu, kif stabbiliti fl-Anness, huma b'dan adottati.

Magħmul fi …, ….

Għall-Kumitat Konġunt CETA

Il-Kopresidenti

ANNESS

IR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT KONĠUNT CETA

Regola 1

Il-Kompożizzjoni u l-Presidenza

1. Il-Kumitat Konġunt CETA stabbilit skont l-Artikolu 26.1 tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra (il-Ftehim) iwettaq il-kompiti tiegħu kif previst fl-Artikolu 26.1 tal-Ftehim, jerfa' r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim u jippromwovi l-għanijiet ġenerali tiegħu.

2. Skont l-Artikolu 26.1.1 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt CETA għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet għall-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejħa "membri tal-Kumitat Konġunt CETA") u għandu jkun ikkopresedut mill-Ministru għall-Kummerċ Internazzjonali tal-Kanada u l-Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-Kummerċ. Il-kopresidenti jistgħu jkunu rappreżentati mill-persuni magħżula rispettivi tagħhom kif stipulat fl-Artikolu 26.1.1 tal-Ftehim.

3. Il-Partijiet f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura huma dawk kif definiti fl-Artikolu 1.1 tal-Ftehim.

Regola 2

Rappreżentanza

1. Kull Parti għal dan il-Ftehim tinnotifika l-Parti l-oħra għall-Ftehim dwar il-lista tal-membri tiegħu tal-Kumitat Konġunt CETA. Il-lista tiġi amministrata u tinżamm attwali mis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt CETA.

2. Kopresident tal-Kumitat Konġunt CETA jista' jkun rappreżentat minn persuna maħtura jekk hu jew hi ma jkunx jista' jattendi laqgħa. Il-kopresident, jew il-persuna maħtura, jinforma lill-kopresident l-ieħor u l-Punt ta' Kuntatt relevanti bil-miktub bil-quddiem kemm jista' jkun.

3. Il-persuna maħtura minflok il-kopresident tal-Kumitat Konġunt CETA teżerċita d-drittijiet ta' dak kopresident sal-punt tal-ħatra. F'dawn ir-Regoli ta' Proċedura, referenzi sussegwenti għal membri u kopresidenti tal-Kumitat Konġunt CETA jinftiehmu bħala li jinkludu l-persuna maħtura.

Regola 3

Segretarjat tal-Kumitat Konġunt CETA

Il-Punti ta' Kuntatt CETA maħtura mill-Partijiet għall-Ftehim skont l-Artikolu 26.5 tal-Ftehim jaġixxi bħala s-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt CETA.

Regola 4

Laqgħat

1. Skont l-Artikolu 26.1.2 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt CETA għandu jiltaqa' darba fis-sena jew fuq talba ta' waħda mill-Partijiet għall-Ftehim. Il-laqgħat isiru fi Brussell u f'Ottawa alternattivament, sakemm il-kopresidenti ma jiddeċidux mod ieħor.

2. F'konformità mal-Artikolu 26.6.1 tal-Ftehim, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt CETA jistgħu jsiru permezz ta' vidjokonferenza jew telekonferenza.

3. Kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt CETA titlaqqa' mis-Segretarju tal-Kumitat Konġunt CETA f'data u f'post maqbul miż-żewġ Partijiet għall-Ftehim. Kif previst fl-Artikolu 26.6.2, il-Partijiet għall-Ftehim għandhom jagħmlu ħilithom biex jiltaqgħu fi żmien 30 jum wara li Parti għall-Ftehim tirċievi talba għal laqgħa mingħand il-Parti l-oħra għall-Ftehim.

Regola 5

Delega

Il-membri tal-Kumitat Konġunt CETA jistgħu jkunu akkumpanjati minn uffiċjali tal-gvern. Qabel kull laqgħa, il-Kopresidenti tal-Kumitat Konġunt CETA jkunu infurmati dwar kif bi ħsiebhom jkunu komposti d-delegazzjonijiet ta' kull Parti għall-Ftehim.

Regola 6

Dokumenti

Meta d-deliberazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt CETA jkunu bbażati fuq dokumenti ta' prova miktubin, dawn id-dokumenti jiġu nnumerati u ċċirkolati mis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt CETA bħala dokumenti tal-Kumitat Konġunt CETA.

Regola 7

Korrispondenza

1. Korrispondenza indirizzata mill-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt CETA tintbagħat lis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt CETA għaċ-ċirkolazzjoni, fejn xieraq, lill-membri tal-Kumitat Konġunt CETA.

2. Korrispondenza mill-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt CETA tintbagħat lir-reċipjenti tas-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt CETA u tkun numerata u ċċirkolata, fejn xieraq, lill-membri l-oħra tal-Kumitat Konġunt CETA.

Regola 8

Aġenda għal-Laqgħat

1. Aġenda proviżorja titħejja għal kull laqgħa mis-Segretarju tal-Kumitat Konġunt CETA. Din tintbagħat, flimkien mad-dokumenti rilevanti oħra, lill-membri tal-Kumitat Konġunt CETA, inkluż lill-kopresidenti mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel il-bidu tal-laqgħa.

2. L-aġenda proviżorja tinkludi dawk il-punti li s-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt CETA ikun irċieva talba dwarhom mingħand Parti għall-Ftehim, biex jiddaħħlu fl-aġenda, flimkien mad-dokumenti rilevanti, mhux aktar tard minn 21 jum qabel il-bidu tal-laqgħa.

3. Il-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt CETA jippubblikaw verżjoni approvata b'mod konġunt tal-aġenda proviżorja tal-Kumitat Konġunt CETA qabel issir il-laqgħa soġġett għall-applikazzjoni tal-Artikolu 26.4 tal-Ftehim.

4. L-aġenda tkun adottata mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fil-bidu ta' kull laqgħa. Kull punt minbarra dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja jista' jitqiegħed fuq l-aġenda jekk il-Partijiet għall-Ftehim jaqblu li jsir hekk.

5. Il-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt CETA jistgħu, b'kunsens reċiproku, jistiednu osservaturi, inklużi rappreżentanti ta' korpi oħra tal-Partijiet għall-Ftehim jew esperti indipendenti biex jattendu l-laqgħat tiegħu sabiex jipprovdu informazzjoni fuq suġġetti speċifiċi.

6. Il-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt CETA jistgħu, b'kunsens reċiproku, inaqqsu jew iżidu l-perjodi ta' żmien speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 biex jittieħed kont tar-rekwiżiti ta' xi każ partikolari.

Regola 9

Minuti

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa jinkitbu mis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt CETA, normalment fi żmien 21 jum wara tmiem il-laqgħa, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor b'kunsens reċiproku.

2. Bħala regola ġenerali, il-minuti jiddeskrivu fil-qosor kull punt fuq l-aġenda, u jispeċifikaw fejn applikabbli:

(a) id-dokumenti mogħtija lill-Kumitat Konġunt CETA;

(b) kwalunkwe dikjarazzjoni li membru tal-Kumitat Konġunt CETA jkun talab li jiddaħħlu fil-minuti; kif ukoll

(c) id-deċiżjonijiet adottati, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula, l-istqarrijiet konġunti li ttieħdu deċiżjonijiet dwarhom u l-konklużjonijiet operazzjonali adottati dwar punti speċifiċi.

3. Il-minuti jinkludu lista tal-ismijiet, it-titoli u l-affiljazzjonijiet tal-individwi kollha li attendew il-laqgħa f'kull kapaċità.

4. Il-minuti jiġu approvati bil-miktub mill-kopresidenti fi żmien 28 jum mid-data tal-laqgħa jew minn kwalunkwe data oħra deċiża mill-Partijiet għall-Ftehim. Ladarba approvati, żewġ kopji tal-minuti jiġu ffirmati mill-Punti ta' Kuntatt lis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt CETA u kull Parti għall-Ftehim tirċievi kopja oriġinali ta' dawn id-dokumenti. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li l-iffirmar u l-iskambju ta' kopji elettroniċi jissodisfaw dan ir-rekwiżit. Kopji tal-minuti ffirmati jintbagħtu lill-membri tal-Kumitat Konġunt CETA.

5. Is-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt CETA jħejji wkoll sommarju tal-minuti. Ladarba l-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt ikunu approvaw it-test tas-sommarju, jagħmlu s-sommarju tal-minuti pubbliku soġġett għall-applikazzjoni tal-Artikolu 26.4 tal-Ftehim.

Regola 10

Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kumitat Konġunt CETA għandu jieħu deċiżjonijiet fir-rigward ta' kwistjonijiet kollha previsti minn il-Ftehim, u jista' wkoll jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa. Il-Kumitat Konġunt CETA għandu jaġixxi bi qbil reċiproku, kif stipulat fl-Artikolu 26.3.3 tal-Ftehim.

2. Fil-perjodu ta' bejn il-laqgħat, il-Kumitat Konġunt CETA jista' jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk il-Partijiet għall-Ftehim jaqblu li jsir hekk b'kunsens reċiproku. Għal dak l-għan, it-test tal-proposta jitqassam bil-miktub f'korrispondenza mill-President lill-membri tal-Kumitat Konġunt CETA skont ir-Regola 7, b'limitu ta' żmien li fih il-membri għandhom jgħarrfu b'kull riżervi jew emendi li jixtiequ jagħmlu. Proposti adottati jkunu kkomunikati skont ir-Regola 7 ladarba l-limitu taż-żmien ikun għadda u rrekordjati fil-minuti tal-laqgħa li jmiss.

3. Fejn il-Kumitat Konġunt CETA jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet jew interpretazzjonijiet skont il-Ftehim, dawn l-atti jingħatalhom it-titolu ta' "Deċiżjoni", "Rakkomandazzjoni" jew "Interpretazzjoni" rispettivament. Is-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt CETA jagħti kwalunkwe deċiżjoni, rakkomandazzjoni jew interpretazzjoni numru ta' serje, id-data tal-adozzjoni u deskrizzjoni tas-suġġett. Kull deċiżjoni tipprevedi data ta' dħul fis-seħħ, soġġett għall-ikkompletar ta' kwalunkwe rekwiżit u proċedura interna meħtieġa.

4. Kull deċiżjoni, rakkomandazzjoni jew interpretazzjoni tiġi ffirmata mill-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt CETA.

5. Il-Partijiet għall-Ftehim jiżguraw li d-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet jew l-interpretazzjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt CETA jiġu ppubblikati.

6. F'każ ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt CETA li jemendaw il-protokolli u l-annessi għall-Ftehim skont l-Artikolu 30.2.2 tal-Ftehim, il-verżjonijiet lingwistiċi kollha huma ugwalment awtentiċi kif stipulat fl-Artikolu 30.11 tal-Ftehim.

Regola 11

Pubbliċità u Kunfidenzjalità

1. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Ftehim jew deċiż mill-kopresidenti, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt CETA ma jkunux miftuħa għall-pubbliku.

2. Meta Parti għall-Ftehim li tissottometti informazzjoni meqjusa bħala kunfidenzjali jew protetta minn divulgazzjoni skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha lill-Kumitat Konġunt CETA jew lil kwalunkwe kumitat speċjalizzat jew korp ieħor stabbilit taħt il-Ftehim, il-Parti l-oħra għall-Ftehim għandha tittratta dik l-informazzjoni bħala kunfidenzjali kif stipulat fl-Artikolu 26.4 tal-Ftehim.

Regola 12

Il-lingwi

1. Il-lingwi uffiċjali tal-Kumitat Konġunt CETA jkunu l-lingwi uffiċjali tal-Partijiet għall-Ftehim.

2. Il-lingwi ta' ħidma tal-Kumitati Konġunt CETA jkunu l-Ingliż u/jew il-Franċiż. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-kopresidenti, il-Kumitat Konġunt CETA normalment jibbaża d-deliberazzjonijiet tiegħu fuq id-dokumentazzjoni f'dawn il-lingwi.

Regola 13

Spejjeż

1. Kull Parti għall-Ftehim tieħu ħsieb l-ispejjeż li ġġarrab bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt CETA.

2. In-nefqa marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti titħallas mill-Parti għall-Ftehim li tkun qed tospita l-laqgħa.

3. In-nefqa marbuta mal-interpretazzjoni għal-lingwi ta' ħidma matul il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt titħallas mill-Parti għall-Ftehim li tkun qed tospita l-laqgħa. Parti għall-Ftehim li titlob interpretazzjoni u traduzzjoni għal jew minn lingwi oħra barra l-lingwi ta' ħidma speċifikati fir-Regola 12 tħallas għal dawn is-servizzi.

Regola 14

Kumitati speċjalizzati u korpi oħra

1. Skont l-Artikolu 26.1.4(b) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt CETA għandu jissorvelja l-ħidma tal-kumitati speċjalizzati kollha u korpi oħra stabbiliti skont dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt CETA jiġi infurmat bil-miktub dwar il-Punti ta' Kuntatt maħtura mill-kumitati speċjalizzati jew korpi oħra stabbiliti taħt il-Ftehim. Il-korrispondenza, id-dokumenti u l-komunikazzjonijiet rilevanti kollha bejn il-Punti ta' Kuntatt ta' kull kumitat speċjalizzat rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim jintbagħtu lis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt CETA fl-istess ħin.

3. Skont l-Artikolu 26.2.6, il-kumitati speċjalizzati għandhom jirrapportaw lill-Kumitat Konġunt CETA dwar ir-riżultati u l-konklużjonijiet ta' kull waħda mil-laqgħat tagħhom.

4. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor minn kull kumitat speċjalizzat skont l-Artikolu 26.2.4 tal-Ftehim, ir-Regoli ta' Proċedura preżenti japplikaw *mutatis mutandis* għal kumitati speċjalizzati u korpi oħra stabbiliti taħt il-Ftehim.